# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 46

Il-Hamis, 17 ta' Marzu, 2011

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fil-5.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri Raymond Azzopardi, Valerie Borg, Peter Buontempo, Mario Camenzuli u Vince Farrugia.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**ATTIVITAJIET GHAL JUM IL-BELT U FESTA FJURI**

Is-Segretarju Ezekuttiv qara l-programm ghal dawn l-attivitajiet flimkien ma' l-istima biex dawn isiru u li kienet tammonta ghal €7,380 (Appendici A).

Il-Kunsillier Azzopardi qal li n-nefqa hija wahda esagerata u ma kienx se japprova dan.

Il-Vici Sindku qal li huwa xieraq li ghal Jum il-Belt isir programm biex jigi ccelebrat bl-ahjar mod. Huwa qal li ma jiddejjaq xejn li jitnaqqas il-budget tal-kuncert tas-Sette Giugno biex Jum il-Belt jigi ccelebrat kif ghandu jkun.

Is-Sindku qal li hemm sponsors li diga huma approvati sabiex ikopru parti mill-ispejjez.

Il-Kunsillier Azzopardi qal li l-affarijiet m'ghandhomx isiru hekk u ftit jiem qabel l-attivitajiet tigi stima bhal din ghall-approvazzjoni.

Il-Kunsillier Buontempo qal li huwa zball li dawn l-attivitajiet tressqu quddiem il-Kunsill ftit jiem qabel jibdew.

Is-Sindku qal li fil-Kunsill hawn hafna xoghol u idealment kien jitressaq hafna qabel.

Il-Kunsillier Borg qalet l-ammont huwa hafna u ma tistghax tapprovah. Qalet ukoll li setghet tattendi ghal-laqgha mas-Sindki ta' Londra.

Is-Sindku wiegeb li hi tista' tattendi ghal din il-laqgha pero` din mhix attivita` relatata ma' Jum il-Belt.

Is-Sindku sostna li Gabriella, il-persuna li hadmet fuq dawn l-attivitajiet, ghandha hafna xoghol u dan irid jigi apprezzat.

Il-Kunsillier Azzopardi ppropona li ghandu jitwaqqaf sotto-kumitat biex jahdem fuq attivitajiet bhal dawn u mhux il-Kunsillier responsabbli mill-Kultura ma jafx x'inhu ghaddej.

Is-Sindku qal li fil-passat l-affarijiet dejjem saru hekk, pero` sabiex isiru ahjar u kulhadd ikun partecipi, tajjeb li jkun hemm kumitat maghmul minn diversi Kunsillieri. Dan iservi sabiex jinqasam ix-xoghol ukoll.

Is-Sindku zied li hadd mill-istaff ma wera l-interess f'dawn l-attivitajiet.

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li lanqas hu ma kien infurmat li l-ammont ghal dawn l-attivitajiet kien se jammonta ghal din il-figura ghax sa ftit jiem qabel kien gie mistoqsi dwar il-possibilta` li l-budget ghal dawn l-attivitajiet jitla' minn €4,000 ghal €5,000 u minhabba progetti ohra bhal PPP tat-toroq u l-progett ta' Misrah Mattia Preti, kien informa li ahjar nibqghu bil-budget originali u cioe` dak ta' €4,000.

Is-Sindku wiegeb li s-Segretarju messu kien jaf b'dan.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu ma setghax ikun jaf xi haga li mhux infurmat dwarha.

Is-Sindku sostna li suppost kien jaf. Qal ukoll li l-Kunsillieri jistghu jghinu sabiex jingiebu xi sponsors ghall-attivitajiet u b'hekk l-attivita` tkun ahjar.

Il-Kunsillieri Buontempo u Farrugia sostnew li din il-materja messha tressqet aktar qabel.

B'erba' voti favur u tlieta kontra il-programm ta' Festa Fjuri u Jum il-Belt gie approvat.

Dwar Gieh il-Belt, il-Kunsill ircieva zewg nominazzjonijiet, dik tas-Sinjura Mariucca Micallef Grimaud u dik ta' l-avukat Joseph Micallef Stafrace. Minhabba li wahda mill-kundizzjonijiet hija li persuna nominata trid tkun residenti l-Belt ghal mhux inqas minn ghaxar snin, gie deciz li tigi skwalifikata n-nomina ta' l-avukat Micallef Stafrace minhabba li mill-istess formola ta' nominazzjoni jidher li dan mhux residenti l-Belt.

Ghaldaqstant, il-Kunsill unanimament qabel li Gieh il-Belt ghas-sena 2011, jinghata lis-Sinjura Mariuccia Micallef Grimaud.

Il-Kunsillier Azzopardi ppropona wkoll li jinghata certifikat ta' rikonoxxenza lil erba' beltin li kienu jffurmaw parti mit-tim tas-Subbuteo li rebah il-World Cup. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan.

**TMIEM**

Fis-7.30pm il-Kunsill aggorna ghal nhar l-Erbgha, 30 ta' Marzu, 2011, fl-4.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku